

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- skont l-Artikoli 268 u 340 TFUE, tikkundanna lill-Unjoni Ewropea (irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea) tħallas:
  - kumpens finanzjarju li jikkorrispondi għall-interessi moratorji fuq is-somma ta' EUR 10 080 000 bir-rata tal-interessi tal-BĊE għat-tranżazzjonijiet tagħha ta' finanzjament mill-ġdid fl-1 ta' Marzu 2017 (jiġifieri 0,0 punt perċentwali), miżjud b'rata ta' 3,5 punti perċentwali fis-sena, għall-perijodu bejn il-21 ta' Ġunju 2017 u l-14 ta' Lulju 2022 li jirriżulta f'ammont ta' EUR 1 758 488,24 jew, fin-nuqqas ta' dan, bir-rata tal-interessi jew fl-ammont li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis xieraq; u
  - interessi komposti fuq l-ammont ta' interessi moratorji taħt is-subparagrafu preċedenti għall-perijodu bejn il-15 ta' Lulju 2022 (jew, fin-nuqqas ta' dan, mid-data li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis xierqa) u d-data tal-ħlas attwali mill-Kummissjoni Ewropea tal-ammont mitlub f'dak is-subparagrafu preċedenti bir-rata tal-interessi tal-BĊE għat-tranżazzjonijiet tagħha ta' finanzjament mill-ġdid, miżjuda b'rata tal-interessi ta' 3,5 punti perċentwali fis-sena jew, fin-nuqqas ta' dan, bir-rata tal-interessi jew fl-ammont li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis xieraq;
- barra minn hekk jew sussidjarjament, skont l-Artikolu 263 TFUE, tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ares(2022) 5454770 tad-29 ta' Lulju 2022 u tordnalha tagħmel dan bl-istess ammonti mitluba fil-punt preċedenti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas l-ispejjeż kollha tar-rikorreni fil-kawża preżenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur mid-deċiżjoni kkontestata tal-Artikolu 266 TFUE.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur mid-deċiżjoni kkontestata tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Nru 1268/2012<sup>(1)</sup> interpretat skont l-Artikolu 266 TFUE.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-bżonn ta' annullament tad-deċiżjoni kkontestata minħabba li ma hijiex suffiċjentement motivata.

<sup>(1)</sup> Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2012, L 362, p. 1).

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Lulju 2022 – CiviBank vs BĊE**

(Kawża T-220/22)<sup>(1)</sup>

(2022/C 359/119)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Il-President tad-Disa' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 237, 20.6.2022.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Lulju 2022 – PQ vs SEAE**

(Kawża T-358/22)<sup>(1)</sup>

(2022/C 359/120)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 294, 1.8.2022.

---